# HAWN JIEN, ĠESU'...

*Ta'* Bro. HENRY, F.S.C.

Hawn jien, Ġesù, bil-ħrara ġejt quddiemek,
Għalkemm sikwit għajjien, maħqur, muġugħ;
Għax f'ħarstek sibt il-għajn ta' kull mogħdrija,
Fi kliemek sibt il-faraġ, dawl ir-ruħ.

Minn ħdejk ma rridx nitbiegħed, jiġri x'jiġri;
Ġesù ħanin, ismagħni ftit illum;
Kemm għandi x'ngħidlek . . . hawn f'riġlejk inferra'
Il-ferħ, id-dieq, u l-ħidma ta' kull jum.

Għalxejn infittex il-pjaċir lelliexi,
Kollox jintemm malajr bħal żiffa riħ;
'Ma ħdejk Ġesù, kull waqt hu ħajr bla temma,
Kull dieqa tgħib; ix-xogħ'l isir mistrieħ.

Nistħajlek tgħidli b'ħeġġa: "Għix ġo Fija;
Ħallini nkebbes qalbek b'nar qaddis!"
U jien inwieġbek: "Fik, Ġesù, din ħajti,
Għallimni nemmen, nitma, nħobbok fis.

U dik Xbihitek ħelwa, hekk qaddisa,
Tnissilli f'ruħi tjieba, qawwa, sliem;
Tfakkarni f'kemm batejt; x'għamilt għalija . . .
Tħeġġiġni biex tad-dnub inneħħi l-ġdiem.

Inħossni f'dan il-waqt fil-ġabra miegħek
Qed ngħix f'dinja oħra, bogħ'd mill-qerq, mid-dieq;
Nixtieq li nibqa' hawn, 'ma d-dmir jgħajjatli,
Mexxini Int, urini sewwa t-Triq.

U issa qabel nitlaq minn quddiemek,
Ġesù nitolbok: barka, sedq f'kull ħin;
Inwiegħdek b'ħerqa li Għalik inħabrek
Biex Int issaltan fija w fil-bnedmin.



# REĊENSJONIJIET

**"ERWIEĦ MARBUTA"** Dramm ta' Ġużè Diacono. Melitensia Publications, Valletta, 1965. Pap. 84.

Dan hu dramm imnebbaħ mill-kefrija u l-ħżunija ta' żmien l-aħħar Gwerra Kbira. Fil-plot hemm ħarira ta' qerq u oħra ta' eroiżmu li mill-bidu sat-temm jintisġu flimkien u jippreżentaw dak li hu sabiħ u dak li hu ikreh fil-ħidma tal-bniedem; imma fuq kollox jibbrilla l-ideal li jinħoloq u jaħdem fil-moħħ u jġagħlu l-ħin kollu jħewden u jixxennaq saħansitra f'waqtiet ta' disprament u qtigħ il-qalb (Ftuħ it-Tielet Att).

F'din il-biċċa xogħol l-awtur wera tajjeb ix-xejra tiegħu fid-drama: dik ix-xejra li tagħżlu minn awturi oħrajn tal-palk. Fix-xogħlijiet ta' Diacono wieħed jara li hu aktar imil lejn id-drammatiku milli lejn il-melodrammatiku; dawk ix-xogħlijiet aktar iqanqlu l-ħsieb u d-dehen tal-moħħ milli jnisslu ferħ u hena fir-ruħ. Id-drammi ta' dan l-awtur fihom element realistiku, iżda mhux dik il-kwalità ta' realiżmu li toħnoq sentimenti nobbli jew xewqat ħelwin tal-bniedem.

Diacono jaf jagħti ħajja u ħerqa lill-persunaġġi tiegħu; hu jfassal karattri li jaqblu mal-konċett li joħloq hu, u mhux ilaqqa' l-ġrajja biex isostnu dawk il-karattri. Dawn il-karattri ta' Diacono huma rari u esklużivi iżda ma humiex inverosimili jew impossibbli. Semjon, Anja, Mueller huma tliet individwi mnisslin mill-ġrajja koroh u miż-żmien qabel li huma għexu fih. Iċ-ċirkostanzi kollha ta' dak iż-żmien imwiegħer jidhru fil-karattri ta' dawk l-individwi bħal f'mera: qerq, kefrija, qirda, mewt, pathos, imħabba, ideal u disperazzjoni, dawn kollha jidhru u jidwu fil-persunalitajiet u fid-djalogu ta' dan id-dramm.

Diacono hu wieħed mill-pijonieri tad-dramm Malti modern, dramm b'suġġett korrenti u konkret, prattiku u psikoloġiku. Dan l-aħħar dramm tiegħu jikkonferma u jwettaq lill-awtur f'dan l-istil speċjali tiegħu.

G.

**"IX-XWEJJAĦ U L-BAĦAR"** ta' Ernest Hemingway. Miġjub fil-Malti minn Patri Dionysius Mintoff, O.F.M., 1966.

Ħafna minna xi ftit snin ilu kienu raw il-film ta' dan ir-rumanz u ħadu pjaċir bih għax is-suġġett hu tassew imbiegħed mill-ordinarju. Bħala plot ma hemmx ħwejjeġ tal-għaġeb: il-ġrajja jitwettqu f'raħal tas-sajjieda u jolqtu 'l sajjied xiħ, bniedem straordinarju fil-fehma, fil-għamil u fil-ġibdiet tiegħu. Fir-rakkont jintisġu wkoll l-avventuri ta' tifel b'qalbu mimlija ħrara u b'moħħu mixgħul bl-ammirazzjoni lejn is-sajjied ix-xiħ. Il-qofol tar-rakkont hi l-ġlieda għall-mewt li s-sajjied ix-xiħ u t-tifel kellhom ma' ħuta kbira daqs ġgant, ħuta feroċi li kienet għoddha temmetilhom ħajjithom.

Fil-karattri ta' dawn iż-żewġ persunaġġi wieħed jara r-rieda qawwija u r-ras iebsa tax-xiħ kif ukoll jilmaħ l-aqwa skop ta' ħajtu; wieħed jagħraf ukoll il-ħrara tat-tifel biex juri ruħu qalbieni quddiem ix-xiħ, u l-qilla tal-ħuta li tħoss li ħadd ma jista' għaliha fl-element tagħha li hu l-baħar.

Patri Dionysius meta ndaħal biex jaqleb għall-Malti dan ir-rakkont ta' Ernest Hemingway wera kuraġġ u ħrara mill-aktar, għax il-ktieb ta' Hemingway mhux biċċa xogħol ħafifa li wieħed jista' jidħol għaliha kif ġie ġie. Dan il-ktieb ma fihx deskrizzjonijiet melodrammatiċi li, biex ngħid hekk, jinqalbu minn ilsien għal ieħor bil-ħlewwa u bil-ħeffa, iżda fih siltiet ta'